MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 1544/2001/1

**Jesmond Micallef.**

**vs.**

**Margaret Micallef.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a tergo ta' fol. 1 tal-process datata 18 ta' Settembru 2001 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fit-2 ta' Dicembru, 1990 (Dok. "A").

Illi l-hajja konjugali giet resa mpossibli minhabba inkompatibilita`, nuqqas ta' komunikazzjoni minn naha tal-konvenuta, mohqrija, sevizzi u ngurji kommessi da parti tal-konvenuta;

Illi miz-zwieg twieldu zewgt itfal ossia Matthew u Sarah li ghadhom minuri skond ma jirrizulta mill-annessi certifikati tat-twelid markati rispettivament Dok. “B” u “C”.

Illi l-attur kien awtorizzat jipprocedi ghas-separazzjoni personali permezz ta’ Digriet tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili datat 11 ta’ Settembru, 2001 (Dok. “D”);

Illi ghalhekk l-istess attur talab lil konvenuta tghid l-ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tawtorizza s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Micallef u dan minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenuta, fosthom adulterju, dezerzjoni, eccessi, swat, ingurji gravi u theddid kommessi mill-konvenuta fil-konfront ta’ l-attur, kif ukoll minhabba inkompatibilita ta’ karattru;

2. Takkorda lill-attur il-kura u kustodja tat-tfal minuri Matthew u Sarah;

3. Tapplika kontra l-konvenuta s-sanzjonijiet kontemplati fl-**artikoli 48, 49 u 51 tal-Kodici Civili;**

4. Ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess f’zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lil kull wiehed mill-partijiet, bl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet mensjonati fit-tieni talba, okkorrendo billi tinnomina periti nominandi;

5. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att opportun tal-qasma u assenjazzjoni u Kuratur sabiex jirrapprezenta l-kontumacja tal-konvenuta f’kaz ta’ bzonn;

6. Tikkundanna lill-konvenuta tirrestitwixxi lill-attur il-proprjeta kollha tieghu parafernali jew il-valur taghha;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija ngunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat illi l-konvenuta giet notifikata bic-citazzjoni fit-3 ta’ Jannar, 2002 u dan skond ma jirrizulta *a tergo* ta’ fol. 10 u a fol. 11 tal-process.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenuta ipprezentata fid-9 ta’ Jannar, 2002 u li jinsabu a fol. 12 tal-process u li permezz taghha l-konvenuta eccepiet:-

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-attur *stante* illi z-zwieg bejn il-partijiet kontendenti tkisser irremedjabbilment minhabba htija imputabbli lill-attur, u dan *in vista* ta’ vjolenza, theddid, mohqrija u ingurji gravi da parti tal-attur fil-konfront tal-konvenuta, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta u l-lista tax-xhieda taghha a fol. 13 tal-process;

Rat illi l-konvenuta ressqet ukoll **kontro-talba** u dan skond ma jirrizulta minn fol. 14 *et seq*. tal-process. Fl-imsemmija kontro-talba l-konvenuta tippremetti:
Illi l-partijiet inghaqdu fiz-zwieg fit-2 ta’ Dicembru, 1990 minn liema zwieg twieldu zewg tfal, u cjoe`, l-minuri Matthew u Sarah, ahwa Micallef; u

Illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet kontendenti tkissret irremedjabbilment minhabba ragunijiet imputabbli lill-attur rikonvenut u cjoe` li l-attur rrenda ruhu hati ta’ vjolenza, mohqrija, theddid u ingurji gravi fil-konfront tal-konvenuta rikonvenjenti; u

Illi l-konvenuta giet awtorizzata mis-Sekond’Awla tal-Qorti Civili sabiex tipprocedi ghal separazzjoni personali quddiem il-Qorti kompetenti permezz ta’ digriet numru 1288/01 u tixtieq titlob separazzjoni personali minn ma’ zewgha l-attur rikonvenut; u

Illi l-konvenuta rikonvenjenti pprezentat kontestwalment rikors sabiex tigi mahtura kuratrici *ad litem* ta' uliedhom minuri;

Illi ghalhekk il-konvenuta talbet sabiex l-attur jghid l-ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet kontendenti u dan ghal ragunijiet imputabbli lill-attur rikonvenut b'mod partikolari illi rrenda ruhu hati ta' vjolenza, mohqrija, theddid u ingurji gravi fil-konfront tal-konvenuta rikonvenjenti;

2. Tordna illi l-kura u l-kustodja taz-zewg tfal minuri, u cjoe`, Matthew u Sarah, tigi fdata esklussivament f'idejn l-attrici, salv id-dritt ta' access li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrizerva favur l-attur rikonvenut, taht dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilha xierqa w opportuni.

3. Tikkundanna lill-attur rikonvenut sabiex ihallas lill-konvenuta rikonvenjenti, u dan ghaliha u ghall-istess minuri, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata li tigi ffissata minn din l-istess Qorti.

4. Tapplika favur il-konvenuta rikonvenjenti in kwantu applikabbli ghaliha l-effetti tal-**artikoli 48 sa 53 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-istess komunjoni jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet kif jigi stabbilit u ordnat minn din il-Qorti, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lill-konvenuta rikonvenjenti u l-ohra lill-attur rikonvenut, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

6. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att ta' divizjoni relattiv u kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

7. Tikkundanna lill-attur rikonvenut jikkonsenja lill-konvenuta rikonvenjenti l-beni dotali u parafernali kollha taghha u tordna illi l-konvenuta rikonvenjenti tigi moghtija

l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha, inkluz il-fond matrimonjali numru 38, San Frangisk, Triq l-Oratorju, Naxxar, li hija proprjeta parafernali tal-konvenuta rikonvenjenti.

8. Tawtorizza lill-konvenuta rikonvenjenti illi tirregistra fir-Registru Pubbliku is-sentenza eventwali moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur rikonvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta rikonvenjenti a fol. 16 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda a fol. 17 tal-process;

Rat illi fid-9 ta' Jannar, 2002 l-attur gie notifikat bin-nota ta' l-eccezzjonijiet u kontro-talba u dan skond ma jirrizulta minn *tergo* tal-fol. 18 tal-process;
Rat illi minkejja li l-attur gie debitament notifikat bil-kontro-talba fid-9 ta' Jannar, 2002 u dan skond ma jirrizulta minn *tergo* ta' fol. 18 tal-process, huwa baqa` ma pprezentax l-eccezzjonijiet tieghu;

Rat illi fl-14 ta' Mejju, 2003 il-kawza giet differita ghas-sentenza ghal-llum;

Rat ir-rikors ta' l-attur ipprezentat fit-28 ta' Settembru, 2001 (a fol.42) fejn huwa talab illi din il-Qorti tiffissa l-granet u l-hinijiet sabiex huwa jkun jista jirtira lil uliedu u jinghata access ghalihom.

Rat ir-rikors ta' l-attur ipprezentat fl-24 ta' Ottubru, 2001 fejn huwa talab lil Qorti sabiex tiddegreta r-rikors precedenti tieghu u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa w opportuni.

Rat ir-risposta tal-konvenuta ipprezentata fit-23 ta' Novembru, 2001.

Rat id-digriet taghha tat-28 ta’ Jannar, 2002 fejn il-Qorti ordnat lir-rikorrenti sabiex permezz ta’ nota fi zmien sebat (7) ijiem jindika lill-Qorti l-access attwali li qed jigi prattikat, bin-notifika lill-kontro-parti li jkollha sebat (7) ijiem biex tirrispondi. Tirrizerva li tipprovdi dwar l-istess fi stadju ulterjuri. Rat in-nota ta’ l-atturipprezentata fl-20 ta’ Frar, 2002 fejn huwa ghamel dak lilu ordnat minn din il-Qorti.

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 6 ta’ Frar 2002 dwar l-istess access.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tad-19 ta’ Frar, 2002 fejn gie iffissat access ghar-rikorrenti ghal uliedu kull nhar ta’ Tlieta bejn l-4.00p.m. u sas-6.00p.m. u nhar ta’ Sibt bejn id-9.30a.m. u nofsinhar fejn l-ulied ghandhom jingabru mir-rikorrenti mir-residenza tal-intimata, b’mod ghal-kollox civili u jigu rritornati fl-istess post, taht is-sanzjoni ta’ disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti u li tali hinijiet ghandhom jigu osservati skrupolozament mill-partijiet (a fol.53).

Rat ir-rikors ipprezentat mill-attur fit-22 ta’ Marzu, 2002 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha terga tvarja l-modalita’ tal-access billi d-digriet ikun jirrispekkja dak li ftehmu l-partijiet u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa w opportuni u dan skond dokument li gie esebit a fol. 57 tal-process bhala Dok. “AB”.

Rat ir-risposta tal-konvenuta ipprezentata fit-12 ta’ April, 2002.

Rat id-digriet taghha tat-18 ta’ April, 2002 fejn ordnat illi r-rikorrenti ikollu access ghal uliedu f’nofs il-gimgha ghal darba fl-*off day* jew *rest day* tieghu, fil-hinijiet kif indikati fid-digriet tad-19 ta’ Frar, 2002 u darba fil-*weekend*, is-Sibt jew il-Hadd fil-hinijiet indikati fl-istess digriet. It-tfal jingabru mill-Ghassa tal-Pulizija tan-Naxxar.

Rat id-digriet taghha datat 18 ta’ April 2002 fejn ordnat li l-attur ikollu access ghall-minuri ghal darba f’nofs il-gimgha meta huwa jkun fl-*off day* jew *rest day* tieghu fil-hinijiet indikati fid-digriet tad-19 ta’ Frar 2002 u darba fil-*weekend*

is-Sibt jew il-Hadd fil-hinijiet indikati fl-istess digriet tad-19 ta’ Frar 2002.

Rat id-digriet taghha tas-26 ta’ Gunju 2002 fejn giet nominata *Social Worker* mill-Agenzija Appogg sabiex taccerta ruhha li l-access ordnat minnha qed isir kif ordnat.

Rat ir-rikors tal-konvenuta ipprezentat fil-25 ta’ Jannar, 2002 (a fol.24) fejn hija talbet illi jinhatar *Social Worker* sabiex issir evalwazzjoni psikologika fir-rigward tal-minuri, u dan *in vista* tal-fatt illi l-istess minuri qed jirrifjutaw li jmorru ma’ missierhom meta dan joghgbu jitlob l-access.

Rat li l-istess rikors qatt ma gie notifikat lill-kontro-parti *nonostante* d-digriet ta’ din il-Qorti datat 25 ta’ Jannar 2002, u b’digriet moghti llum stess f’din is-sentenza, din il-Qorti tiddisponi mill-istess rikors billi tichad it-talba hlief ghal dak provdut fid-digriet taghha tas-26 ta’ Gunju 2002.
Rat l-affidavits tal-attur pprezentati b’nota datata l-1 ta’ Frar 2002.

Rat ir-rikors tal-konvenuta ipprezentat fit-2 ta’ April, 2002 fejn talbet lill-Qorti tawtorizzaha tabita fil-fond matrimonjali San Frangisk, Triq l-Oratorju, Naxxar, flimkien ma’ l-ulied minuri Sarah u Matthew, u dan *ad eskluzjoni* tal-intimat *pendente lite* u ghal dan il-ghan, tiffissa terminu qasir u perentorju li fih ghandu jivvaka d-dar l-istess intimat u *stante* n-natura tat-talbiet, tittrata r-rikors odjern b’urgenza u bl-abbrevjazzjoni tat-termini soliti moghtija.

Rat ir-risposta tal-attur ipprezentata fid-29 ta’ Mejju, 2002.

Rat ir-rikors ta’ l-attur ipprezentat fit-8 ta’ April, 2002 fejn talab illi din il-Qorti tordna li pendenti dawn il-proceduri, r-rikorrenti jirrisjedi wahdu fid-dar konjugali u tordna tibdil fil-modalita` tal-access u dan billi jibda jirtira t-tfal mill-Ghassa tad-Distrett u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa w opportuni.

Rat ir-rikors tal-konvenuta ipprezentat fis-16 ta’ April, 2002 fejn talbet illi fid-dawl tar-rikors ntavolat minnha fit-2 ta’

April, 2002 joghgobha tordna illi l-intimat jordna [recte: jirritorna] l-oggetti mobbli hawn elenkati, liema oggetti gew neqsin mill-fond matrimonjali bl-agir tal-intimat.

Rat ir-risposta tal-attur ipprezentata fit-23 ta’ Mejju, 2002.

Rat id-digriet taghha tal-24 ta’ Mejju, 2002 u ordnat lill-attur [recte: konvenuta] sabiex permezz ta’ nota tindika liema oggetti trid jew qed titlob li jigu ritornati lilha u dan fi zmien tlett ijiem mill-lum. Rat in-nota ta’ l-attur ipprezentata fl-24 ta’ April, 2002 fejn indika l-oggetti illi huwa ha mid-dar matrimonjali.

Rat id-digriet taghha tal-1 ta’ Awissu, 2002 dwar ir-rikorsi ipprezentati mill-konvenuta fit-2 ta’ April, 2002 u fis-16 ta’ April, 2002 u mill-attur fit-8 ta’ April, 2002 u li permezz tieghu, l-Qorti awtorizzat lill-attrici tabita fil-fond San Frangisk, Triq l-Oratorju Naxxar, flimkien ma’ l-ulied minuri, Sarah u Matthew Micallef, u dan *ad eskluzjoni* tal-intimat *pendente lite* u ghal dan il-ghan tiffissa terminu qasir u perentorju ta’ sebat ijiem mid-data ta’ dan id-digriet sabiex l-attur, Jesmond Micallef, jivvaka mill-istess dar. Illi wkoll ghall-istess motivi, din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi filwaqt li tilqa` r-risposta tal-intimata konvenuta ghar-rikors tal-attur datat 8 ta’ April, 2002, tichad it-talba tal-istess attur rikorrenti fir-rikors tieghu tat-8 ta’ April, 2002. Illi fl-ahharnett ghall-istess motivi fuq esposti, din il-Qorti, tichad it-talba tal-konvenuta rikorrenti fir-rikors taghha tas-16 ta’ April, 2002 b’dan pero’ li tordna lill-attur sabiex fi zmien gimgha mid-data ta’ dan id-digriet, jdahhal nota fir-Registru tal-Qorti fejn jobbliga ruhu li jirritorna l-istess oggetti jew uhud minnhom jekk jigi hekk ordnat mill-Qorti, u dan fl-eventwalita` li l-konvenuta ragonevolment tiddikjara li *pendente lite* ma tistax tghaddi minghajrhom. Fin-nuqqas li l-attur jaderixxi ruhhu mal-premess, fit-terminu hawn perentorju indikat, b’mod li ma jilqax l-istedina ta’ din il-Qorti, ovvjament din il-Qorti tiehu l-provvedimenti opportuni, fl-interess anke tal-istess minuri u il-Qorti tirrizerva li tiehu l-passi kollha opportuni kontra parti jew ohra skond ic-cirkostanzi u l-izvilupp tal-kaz. Illi dwar l-ispejjez tal-istess rikorsi, kull parti ghandha tbaghti l-istess taghha.

Rat ir-rikors ta’ l-atturipprezentat fil-5 ta’ Awissu, 2002 fejn huwa talab illi din il-Qorti takkordalu permess specjali sabiex jappella dan id-digriet moghti minnha, u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa w opportuni.

Rat ir-risposta tal-konvenuta ipprezentata fl-14 ta’ Novembru, 2002.

Rat li permezz ta’ digriet taghha ta’ llum stess inkorporat f’din is-sentenza din il-Qorti, *stante* li l-kawza hija ghas-sentenza, tichad it-talba.

Rat ir-rikors ipprezentat mill-attur fit-28 ta’ Awissu, 2002 fejn huwa talab illi din il-Qorti taghti dawk id-direttivi kollha necessarji sabiex l-esponent ikun jista jara lil uliedu u dan taht dawk il-provvedimenti kollha xierqa w opportuni.
Rat ir-risposta tal-konvenuta ipprezentata fis-6 ta’ Settembru, 2002.

Rat id-digriet taghha tas-16 ta’ Settembru, 2002 u cjoe’ illi mir-risposta moghtija *prima facie* ghandu jirrizulta li m’ghandux ikun hemm ostakolu ghall-access tal-missier biex jara t-tfal, ghalhekk tissolecita lill-partijiet biex jottemperaw ruhhom sew mal-provvedimenti tal-Qorti f’dan ir-rigward u jekk parti tonqos il-kontro-parti ghandha tindika bil-konciz fejn irrizulta n-nuqqas. Tirrileva, fl-ahharnett, li l-atti ingiebu a konjizzjoni tal-Imhallef sottoskritt illum stess u mhux qabel.

Rat ir-rikors ta’ l-attur ipprezentat fid-9 ta’ Dicembru, 2002 fejn talab illi din il-Qorti tordna illi l-access fil-granet u hinijiet indikati fid-digriet precedenti ghandu jsir taht supervizjoni u tinnomina lill-istess *Social Worker,* Theresa Micallef, sabiex l-access isir taht is-supervizzjoni taghha u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa w opportuni.

Rat ir-risposta tal-konvenuta ipprezentata fit-30 ta’ Dicembru, 2002.

Rat id-digriet taghha tat-3 ta’ Jannar, 2003 fejn din il-Qorti ordnat notifika tar-rikors u risposta lis-*Social Worker,* Theresa Micallef, sabiex permezz ta’ nota tissuggerixxi granet u hinijiet fejn ikun possibbli li ssir supervizjoni minnha fid-dar tal-esponent.

Rat in-nota ta’ Theresa Micallef,ipprezentata fis-26 ta’ Frar, 2003 fejn hija qalet illi r-rakkomandazzjoni dwar access taht supervizjoni, kif stabbilit fir-rapport taghha datat 8 ta’ Novembru, 2002 kien imfassal fuq ir-*roster* ta' Jesmond Micallef illi kien *Day, Day, Night, Rest* u *Off*. Peress illi l-imsemmi *roster* issa nbiddel *f’Day, Night, Rest u Off* qed jigi suggerit illi l-granet ta’ access taht supervizjoni jkunu skond ir-*roster* il-gdid, kif indikat fid-dokument illi qed jigi hawn anness, esebit u mmarkat bhala Dok. “A”, b’dan illi l-esponenti titlob umilment illi l-imsemmija supervizjoni ssir mis-*Supervisor* Anne Marie Baldacchino, filwaqt illi l-esponenti tipprezenta r-rapport finali jekk dan ikun opportun fic-cirkostanzi.

Rat id-digriet taghha tas-6 ta’ Marzu, 2003 fejn il-Qorti ordnat lill-attur sabiex jinnotifika r-risposta tal-konvenuta lis-*Social Worker,* Theresa Micallef, ghall-osservazzjonijiet taghha fi zmien erbat ijiem minn notifika lilha tal-istess.

Rat in-nota ta’ Theresa Micallef ipprezentata fl-14 ta’ Marzu, 2003 fejn infurmat lill-Qorti li l-access taht supervizzjoni ta’ Jesmond Micallef fil-konfront tal-minuri, kif stabbilit fin-nota precedenti pprezentata fis-26 ta’ Frar 2003, qieghed isir fid-dar tieghu u jidher illi sejjer tajjeb, b’dan illi ghaldaqstant ma jidher illi tezisti l-ebda raguni ghalfejn tali access m’ghandux ikompli jigi ezercitat fl-imsemmi fond. Ghal dak li jirrigwarda s-*Social Worker,* l-esponenti umilment titlob illi s-supervizjoni ssir mis-*Supervisor*, Anne Marie Baldacchino, filwaqt illi hija tipprezenta r-rapport finali taghha skond ma jkun opportun fic-cirkostanzi.

Rat id-digriet taghha tal-21 ta’ Marzu, 2003 fejn din il-Qorti ordnat li l-access taht supervizjoni jsir kif indikat mis-*Social Worker* kif indikat fin-nota taghha tal-14 ta’ Marzu, 2003 u bin-nomina tas-*Supervisor*, Anne Marie

Baldacchino skond kif degretat fl-istess digriet tal-21 ta' Marzu, 2003 a spejjez attrici.

Rat ir-rikors tal-konvenutaipprezentat fit-22 ta' April, 2003.

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' April, 2003 fejn il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors lill-kontro-parti b'jumejn zmien ghar-risposta guramentata, b'dan li tirrileva li l-konvenuta ghandha tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-istess digriet skond il-ligi.

Rat ir-rikors ta' l-attur ipprezentat fit-23 ta' Mejju, 2003 fejn talab lil din il-Qorti sabiex tvarja d-digriet ta' l-access fis-sens illi jigi jirrifletti r-rakkomandazzjonijiet hawn fuq citati u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa w opportuni.

Rat ir-risposta tal-konvenuta ipprezentata fis-6 ta' Gunju, 2003.

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Gunju, 2003 fejn din il-Qorti cahdet, f'dak l-istadju, it-talba tal-attur.

Rat ir-rikors ipprezentat mill-attur fl-4 ta' Lulju, 2003 fejn huwa talab illi din il-Qorti tezentah mill-obbligu tal-manteniment lejn l-intimata u l-ulied, limitatament ghall-perjodu mid-29 ta' Awissu, 2003 u d-19 ta' Marzu, 2004 u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa w opportuni.

Rat in-nota ta' l-attur ipprezentata fis-16 ta' Lulju, 2003 li biha nforma lil din il-Qorti illi l-provi taz-zewg partijiet huma maghluqa u l-kawza tinsab differita ghas-sentenza.

Rat ir-risposta tal-konvenuta ipprezentata fit-18 ta' Lulju, 2003.

Rat id-digriet taghha tal-24 ta' Lulju, 2003 fejn il-Qorti cahdet it-talba f'dak l-istadju.

Rat ir-rikors tal-konvenuta ipprezentat fit-12 ta’ Settembru, 2003 fejn filwaqt li ghamlet referenza ghat-talbiet taghha riportati fir-rikors datat 21 ta’ Awissu, 2003, umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tezentaha milli tinnotifika lill-attur bl-istess rikors *stante* illi hu jinsab assenti minn dawn il-Gzejjer b’effett mid-29 ta’ Awissu, 2003 u tghaddi sabiex taghti digriet ghar-rikors intavolat minnha.

Rat id-digriet taghha tad-19 ta’ Settembru, 2003 fejn il-Qorti ghamlet referenza ghar-rikors ipprezentat mill-attur fit-12 ta’ Settembru, 2003 fl-atti ta’ din ic-citazzjoni stess. Ghaldaqstant jirrizulta li l-attur issa qieghed hawn Malta u ordnat lir-rikorrenti tipprocedi ai fini tad-digriet precedenti.

Rat ir-rikors ipprezentat mill-konvenuta fis-26 ta’ Settembru, 2003 fejn filwaqt li ghamlet referenza ghat-talbiet taghha riportati fir-rikors datat 21 ta’ Awissu, 2003, umilment titlob lil din il-Qorti joghgobha tezentaha milli tinnotifika lill-attur bl-istess rikors *stante* illi hu jinsab assenti minn dawn il-gzejjer b’effett mid-29 ta’ Awissu, 2003 u tghaddi sabiex taghti digriet ghar-rikors intavolat minnha.

Rat id-digriet taghha tad-29 ta’ Settembru, 2003 fejn il-Qorti cahdet it-talba b’dan li r-rikors ghandu jigi notifikat lid-Difensur tal-attur.

Rat il-verbali tat-18 ta’ April, 2002 fejn il-kawza giet differita ghall-prezentata ta’ l-affidavits ta’ l-attur. Inghata digriet dwar l-access li kellu jigi ipprattikat mir-rikorrenti; tas-26 ta’ Gunju, 2002 fejn l-attur iddikjara illi x-xhieda tieghu giet ezawrita bil-procedura ta’ l-affidavit. Illi fl-istess verbal giet nominata *Social Worker* mill-Agenzija Appogg sabiex taccerta ruhha li l-access ordnat minnha qed isir kif ordnat. Inghata digriet affidavit tal-konvenuta. Il-kawza giet differita ghall-konkluzjoni tal-provi u finali trattazzjoni; tal-5 ta’ Dicembru, 2002 fejn il-partijiet iddikjaraw illi m’ghandhomx provi aktar hlief li jesebixxu l-i*statement* tal-*loan;* tat-18 ta’ Frar, 2003 fejn il-Qorti ordnat lill-attur sabiex fi zmien hmistax (15)-il gurnata b’mod qasir jipprezenta nota fejn jelenka l-pretensjonijiet tieghu dwar

raguni ta' separazzjoni, kura u kustodja u access, konsistenza, likwidazzjoni u divizjoni tal-komunjoni u ritorn ta' proprjeta parafernali b'kopja lill-kontro-parti jew lid-difensur taghha li fuq l-istess suggetti ghandu jiddikjara fejn ma jaqbilx ma' dak propost mill-attur. Il-Qorti ordnat illi fl-istess noti issir riferenza ghall-pagni tal-provi jew dokumenti. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni; tal-1 ta' April, 2003 fejn is-*Social Worker*, Theresa Micallefipprezentat u halfet ir-rapport u tat kopja lill-partijiet. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni b'dan li l-partijiet ghandhom jaderixxu ruhhom ma' dak li hemm fir-rapport tas-*Social Worker* dwar *family therapy* u *family mediation*; tal-14 ta' Mejju, 2003 fejn id-difensuri qablu li l-kawza tista tibqa` ghas-sentenza.

Rat ir-rikors tal-konvenuta datat 22 ta' April 2003 u d-digriet li bih cahdet it-talba datat 26 ta' Jannar 2004.

Rat ir-rikors tal-konvenuta datat 27 ta' Awissu 2003 u d-digriet li bih cahdet it-talba datat 26 ta' Jannar 2004.

Rat ir-rikors tal-konvenuta datat 14 ta' Novembru 2003 u d-digriet li bih cahdet it-talba datat 26 ta' Jannar 2004.

Rat id-dokumenti u r-rapporti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**<u>II. PROVI.</u>**

Illi xehed l-attur bil-procedura ta' l-affidavit, liema affidavit jinsab esebit a fol. 33 *et sequitur* tal-process. Huwa jghid illi "*Il-kawza ta' l-inkwiet fiz-zwieg taghna kienet il-karattru aggressiv tal-mara tieghi u l-indhil zejjed tal-genituri taghha. Meta kien ikollna xi argument minflok ma kienet tigi titkellem mieghi il-mara kienet tmur tkellem lill-familja taghha. L-inkwiet imbaghad zdied hafna meta hija bdiet tahdem*".

Illi 'n sostenn ta' l-akkuza ta' vjolenza u theddid li huwa jattribwixxi lil martu, l-attur jghid illi "*il-mara kienet harget u jien kont bqajt id-dar mat-tfal. Meta rritornat ghall-habta*

*tas-2.00a.m. ma setghatx tiftah il-bieb. Dan kien minhabba illi l-bieb ta' barra taghna li huwa ta' l-aluminium kien ftit difettuz. Dahlet mill-bieb tal-garage u bdiet tghajjat u theddidni ghax iffissat illi kont sakkartha barra. Cemplet lil ommha u wara ftit ommha, missierha u ohtha gew id-dar taghna. Bdew jghajjtu u jhedduni. Jien qbadt it-telephone biex incempel il-Pulizija pero` l-mara qatatli t-telephone*" u "*kull meta kien ikollna argument kienu jigu l-familjari tal-mara wara l-bieb tad-dar taghna u kienu jaghmlu storbju shih bit-theddid u ghajjat barra t-triq*". Jkompli jghid illi "*Il-mara tieghi hija nervuza hafna u aggressiva hafna. Ghal kull haga ta' xejn taqbad tghajjat u tidghi quddiem it-tfal u kienet anke terfa` jdejha fuqi ta' spiss. Fil-fatt meta kien ikollna argument hija kienet tigi tiggieled mieghi. Meta mbaghad jien kont niddefendi ruhi hija kienet immedjatament taghmel rapport l-ghassa tal-Pulizija illi jien sawwattha*".

Illi l-attur jghid illi meta telqet il-konvenuta mid-dar matrimonjali huwa hallas zewg kontijiet. Wiehed tat-telefon fl-ammont ta' tlett mija u tmienja u tletin lira Maltija u tlieta u tletin centezmu (Lm338.33) u wiehed tad-dawl u l-ilma fl-ammont ta' disghin lira Maltija u hamsa u tletin centezmu (Lm90.35). Dawn il-kontijiet kienu arretrati li kienu ghadhom pendenti meta l-konvenuta kienet ghadha tghix fid-dar matrimonjali.

Illi l-attur kellu ukoll Escort Mark II bil-valur ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500) (a fol. 35). Jghid illi "*waqt iz-zwieg l-Escort li kelli bieghejtha u dahhalt vann tal-marka Skoda Felicia Combi bil-prezz ta' xi haga fuq hamest elef lira Maltija (Lm5,000). Dan ghadu ghandi. Konna xtrajna wkoll Skoda 120L bil-prezz ta' hames mitt lira Maltija (Lm500) biex tinqeda biha l-mara. Konna nfaqna iktar minn hames mitt lira Maltija (Lm500) biex irrangajniha peress li kont bdiltilha l-body parts kollha u l-magna. Din tinsab ghand il-mara*" (a fol. 36);

Illi ghamara qabel iz-zwieg xtara kamra ta' l-ikel, *main bedroom* u kcina. F'din l-ghamara huwa kien nefaq tlett elef lira Maltija (Lm 3,000) jew tlett elef u hames mitt lira

Maltija (Lm3,500). Kellu ukoll xi ghodda bil-valur ta’ mija u hamsin lira Maltija (Lm150);

Illi d-dar kellhom madwar elfejn u hames mitt lira Maltija (Lm2,500) fi flus qabel ma telqet il-mara (a fol. 35 tal-process). L-attur jghid illi dawn il-flus hadithom il-konvenuta (a fol. 36);

Illi huwa jghid illi d-dar “San Frangisk”, Triq Paolo Parisio, Naxxar, inxtrat ghall-prezz ta’ hamest elef lira Maltija (Lm5,000). L-attur jghid illi “*jiena kont hdimt hafna fiha u infaqt flusi li kont faddalt biex lestejniha u nkunu nistghu nghixu fiha. Anke z-ziju tieghi kien gheni u kien kesa, kahhal u bajjad il-post kollu, bena kamra, wahhal il-kamra tal-banju u ghamel alterazzjonijiet ohra fil-post. Fil-fatt konna ghexna fiha ghal xi tmien snin. Imbaghad konna bieghejniha tletin elf, mitejn u hamsin lira Maltija (Lm30,250) u b’dawn il-flus u b’loan ohra ta’ hmistax-il elf lira Maltija (Lm15,000) xtrajna dar ohra “San Frangisk”, Triq l-Oratorju, Naxxar. Il-valur taghha kien erbghin elf lira Maltija (Lm40,000) pero` ghamilna hafna spejjez fiha. Dan il-loan li hadna jithallas f’pagamenti ta’ mija u lira Malija (Lm101) fix-xahar u ghadni nhallsu jien wahdi mill-paga tieghi hlief ghal pagament wiehed li ghamlet hi f’Novembru 2001*”.

Illi bhala ntrojtu, l-attur jiddikjara fl-affidavit tieghu illi “*illum jien ghandi paga ta’ erbgha mija u disa` liri Maltin (Lm409) fix-xahar*”.

Illi dwar l-access li jixtieq ikollu l-attur ghat-tfal minuri, huwa jghid illi “*nixtieq illi jkolli access ghat-tfal meta nkun rest u meta nkun off*” (a fol. 37) u “*nixtieq ukoll illi waqt il-vaganzi ta’ l-iskola tat-tfal jien ikolli access itwal maghhom fil-granet meta ma jkunx imissni xoghol. Apparti minn hekk nixtieq illi nkun nista nsiefer mat-tfal darba fis-sena bi btala minghajr ma jkolli problemi mal-mara*” (a fol. 37);

Illi xehed ukoll bil-procedura ta’ l-affidavit, Carmel Micallef, li jigi missier l-attur, liema affidavit jinsab esebit a fol. 38 tal-process. Huwa jghid illi “*kien hemm okkazzjoni meta gew ghandi l-mara tat-tifel mal-familjari taghha. L-ewwel*

*darba giet il-mara ma' ohtha. Gew jghajjtu u jaghmlu storbju. Ghall-ewwel bdew jghajjtu mal-mara tieghi u bdew jghidu li Margaret* [il-konvenuta] *ma setghatx tibqa` tghix mat-tifel. Inzilt jien. Lil ohtha ghadtilha biex ma tindahalx fil-problemi bejn it-tifel u l-mara tieghi* [recte: tieghu]*. Pero` huma baqghu jghajjtu u mbaghad wara ftit telqu*". Jghid ukoll dan ix-xhud illi "*qabel ma zzewweg it-tifel kien ilu jahdem u kien gemma ftit flus mhux hazin peress illi kien bil-ghaqal u kien ihobb jahdem. Jien u ommu qatt ma hadnilu xejn mill-paga tieghu. Naf illi kien hallas ghal hafna mill-ghamara qabel ma zzewweg. Kien hallas ghall-kcina bl-appliances li fiha, kamra tal-ikel u l-main bedroom. Kien ukoll nefaq hafna flus u hadem hafna hu wkoll fl-ewwel dar illi kellhom*".

Illi xehdet ukoll bil-procedura ta' l-affidavit **Marianne Mula,** oht l-attur, liema affidavit jinsab esebit a fol. 39 *et sequitur* tal-process. Hija tibda biex tghid illi kienet saret taf "*bil-problemi li kellhom hija u l-mara tieghi* [recte: tieghu] *permezz ta' telefonati li rcevejt minghand Margaret il-mara tieghu* ".

Illi tghid ukoll illi darba kienet cemplitilha l-konvenuta u qaltilha illi "*Jesmond kien qed isawwatha u jgib ruhu hazin maghha*". Dwar il-problemi matrimonjali ezistenti bejn il-kontendenti, din ix-xhud tghid illi hija hadet l-impressjoni "*illi l-problemi ta' bejniethom kienu problemi zghar hafna u li kienu qed jaggravaw ruhhom minhabba principalment in-natural impikuz u aggressiv taghha*".

Illi xehdet bil-procedura ta' l-affidavit il-konvenuta, liema affidavit jinsab a fol. 128 *et sequitur* tal-process.

Illi hija tghid fir-rigward tal-fond matrimonjali illi "*sa sentejn u nofs ilu konna noqghodu f'maisonette li kont xtrajt jiena, liema fond kien shell u ghammartu u ghamiltu abitabli jien*". Tghid ukoll illi peress li hassew il-htiega li jkabbru d-dar, huma bieghu din id-dar parafernali tal-konvenuta "*u hadna loan ta' hmistax-il elf lira Maltin (Lm15,000) sabiex nixtru d-dar in kwistjoni u cjoe` San Frangisk, Triq l-Oratorju, Naxxar*". Fl-affidavit ulterjuri taghha u senjatament a fol. 171 tal-process, il-konvenuta tghid illi l-

ewwel fond matrimonjali taghhom kien inbiegh ghall-prezz ta' disgha u ghoxrin elf lira Maltija (Lm29,000). Meta inxtrat it-tieni dar matrimonjali, inxtara ukoll garaxx mad-dar, liema garaxx igib in-numru 1, u jinsab fi Sqaq il-Palk, in-Naxxar.

Illi dwar l-inkwiet matrimonjali, l-konvenuta tghid illi dan "*beda` ghax hu iffissa li jrid li nemigraw lejn l-Awstralja fejn ma ghandna lil hadd. Jien ma qbiltx mieghu, u hassartlu fuq din l-idea*". Hija tghid ukoll illi "*minn Jannar 2000 sa llum hareg mid-dar hames (5) darbiet sabiex isiefer lejn l-Awstralja, izda kull darba, wara ftit taz-zmien, jerga jirritorna lura d-dar. F'dan l-istess zmien, beda` ukoll l-abbuz verbali da parti tieghu fil-konfront tieghi*". Dwar il-vjolenza fizika, l-konvenuta tghid illi din bdiet f'Settembru, 2000. "*Ghal bidu kien jaghtini xi daqqa fuq wicci biss u kont manitkellimx u noqghod ghaliha*" u "*f'Jannar, 2001 ghalaqni barra d-dar u werwer lit-tfal, sawwatni quddiemhom u gejt mghajjra kliem baxx*". Tghid ukoll illi "*l-incidenti fid-dar kienu jkunu kostanti. Gieli hadli c-cwievet tal-karozza u tad-dar u jghidli biex ghax xoghol immur bil-karozza tal-linja. F'okkazjoni minnhom tfieli sigarett gol-borma tal-ikel li kont lestejt ghal kulhadd. F'okkazzjoni ohra tefa' l-ikel ma' l-art u qalli 'itmaghhom l-annimali' u kien qieghed jirreferi ghat-tfal*". Il-konvenuta a fol. 130 tal-process tghid illi "*s-swat minn darba sa ohra dejjem jizdied u aktar isir frekwenti. Dawn jistghu jixhduh ic-certifikati medici*". Finalment dwar il-vjolenza domestika l-konvenuta tghid illi "*fis-16 ta' Settembru, 2001 kien l-ahhar darba li qlajt swat fiziku f'temp ta' gimgha, ghax qbadt it-tfal u tlabt lill-Pulizija ghall-kenn. Dawn infurmawni illi ma kienx possibli ghax ma kienx hemm post. Ghalhekk il-Pulizija talbet lil missieri jekk kienx lest li jzommni, u missieri ovvjament accettani. Kien l-ewwel darba li t-tfal raqdu lejl shih ghax hassewhom safe"*.

Illi l-konvenuta tghid illi "*fis-27 ta' Mejju, 2001 halla t-tfal bil-guh u qalilhom li hu jikkmanda. Jien dakinhar kont xoghol night u ma hallinix insajjrilhom. Kont night duty u mort ghax-xoghol bil-guh. Ma kenitx l-ewwel darba li ramieli sehmi tal-ikel u mmur ghax-xoghol bil-guh. Kien ha ukoll il-passaporti tat-tfal u jheddidni li nigi mix-xoghol u*

*ma nsibhomx id-dar ghax jitlaq u jsiefirhom mieghu*". Tghid ukoll il-konvenuta fl-affidavit ulterjuri taghha a fol. 172 tal-process illi "*it-tfal huma mbezzghin li jmorru mieghu ghax jibzghu li huwa jehodhom u ma jgibhomx lura. Dan qaluh lili l-istess tfal, li hu jheddidhom li jitlaq minn dawn il-Gzejjer bihom*".

Illi tghid ukoll illi "*f'Mejju u Gunju, 2001 ghamilt xahrejn norqod fl-art ghax keccieni mill-kamra tas-sodda. Kont norqod fuq saqqu tal-foam fil-kamra tat-tifla ghax hu kien jidhol u jsakkar il-bieb warajh*" u "*f'Lulju, 2001 l-affarijiet bejnietna kienu rrangaw xi ftit u hsiebt li se nimxu sew, izda f'Awissu u Settembru, 2001 ergajt spiccajt norqod fl-art*".

Illi dwar l-atmosfera fid-dar, il-konvenuta tghid illi "*kien isir tkissir ta' platti, tazzi u affarijiet ohra minn zewgi f'dan iz-zmien ta' tensjoni. Anke saret hsara fil-bieb ta' barra; hemm il-hgiega miksura u sa llum ghada ma trangatx*". Il-konvenuta tghid illi "*kien hemm okkazzjonijiet fejn anke bezaqli f'wicci quddiem it-tfal, u anke fit-triq*". Tghid ukoll illi "*fit-30 ta' Awissu 2001 quddiem it-tfal qabadni minn ghonqi u qalli li se jiksiruli u jhallini mejta quddiemhom. It-tfal twerwru, u Matthew beda` jghajjat biex jieqaf u Sarah bdiet tibki. Qalli wkoll li jrid jeqred lill-genituri tieghi halli ma jkollhix ghajnuna minghandhom*".

Illi dwar il-pagament tas-self li hemm fuq id-dar matrimonjali, il-konvenuta tghid illi "*il-loan gravanti l-fond matrimonjali fl-ammont ta' mija u lira Maltin (Lm101) fix-xahar, bdejt inhallashom jien, u dan ili naghmlu minn Novembru 2001. Jien qed inhallas ukoll l-installments tal-airconditioning unit, u dan jien ili naghmlu ukoll minn Novembru, 2001*".

Illi dwar it-tfal, il-konvenuta tghid illi "*it-tfal jirrifjutaw li jkellmu lil missierhom u anqas iridu jmorru mieghu ghax bezghana hafna minnu. Kemm il-darba tahom punishment ghal xejn, sabiex ikun jista jara xi film bil-kwiet wahdu*".

Illi l-konvenutaipprezentat affidavit ulterjuri taghha, liema affidavit jinsab esebit a fol. 169 *et sequitur* tal-process. Il-

konvenuta tghid illi f'Dicembru, 1999 hija bdiet tahdem il-Capua Palace. Xi ftit taz-zmien wara waqfet tahdem ma' dan l-Isptar u marret tahdem f'Saint Vincent de Paule.

Illi hija tghid ukoll illi l-problemi matrimonjali bdew meta l-attur ried, u fil-fatt fetah, *pet shop*. Di fatti l-konvenuta tghid illi "*f'dan il-perjodu tat-tlett xhur li saret l-avventura tal-hanut, beda` inkwiet kbir bejnietna u dan minhabba tieghu ghax beda` jkun hafna possessiv, nervuz, inkontrollabli, u li jiena gabni li jrid bilfors nobdi l-ordnijiet kollha tieghu*".

Illi l-konvenuta a fol. 172 tal-process tirribatti l-allegazzjoni maghmula mill-attur fil-konfront taghha ta' adulterju. Hija tghid illi "*Jiena dejjem kont korretta fil-hajja tieghi u zgur li l-allegazzjonijiet ta' adulterju li hu ghamel fil-konfront tieghi huma assolutament bla sens u nfondati, u huma fantasiji tieghu*".

Illi xehdet bil-procedura ta' l-affidavit **Maria Muscat**, liema affidavit jinsab esebit a fol. 174 tal-process. Hija tghid illi kienet tat munita tad-deheb lil bintha l-konvenuta, liema munita, skond ma qaltilha l-konvenuta giet nieqsa mid-dar matrimonjali. Hekk ukoll fir-rigward tad-deheb tal-minuri. Dwar dan l-aspett, din ix-xhud tghid illi l-attur kien cemplilha u qalilha illi dawn l-oggetti hadhom hu u ramihom go *skip*.

Illi xehed bl-affidavit **Claudio Muscat**, liema affidavit jinsab esebit a fol. 175 tal-process. Dan ix-xhud jigi hu l-konvenuta. Huwa jirrakonta kif "*fis-6 jew fis-7 ta' Settembru, 2000 kien gie Jesmond ghandi Haz-Zabbar ghal xi tlieta ta' filghodu (3.00a.m.) u kien qalli li huwa ggieled ma ohti, Margaret, u li kien qattghalha l-jersey. Jien ikkalmajtu kif stajt u hallejtu joqghod lejl fid-dar tieghi u ghidtlu li sejjer inkellem lil ohti*".

Illi jghid ukoll dan ix-xhud illi "*wara dan iz-zmien, indunajt li huwa ma kienx ihalli lit-tfal jitkellmu ma ohti, l-mara tieghu, fuq it-telephone waqt li hija tkun ghax-xoghol. Jiena kont ghidtlu biex ma jergax jaghmel din il-haga u huwa kien weghdni li ma kienx sejjer jirrepetiha. Naf ukoll*

*personalment b'incident iehor li kien sakkar lil ohti barra mid-dar fit-triq. Gimgha wara rega` ghamel l-istess haga u jiena ghidtlu li huwa ma hux ragel u li ma kellux ghalfejn jkellimni aktar fuq il-problemi taz-zwieg tieghu*".

Illi fil-5 ta' Dicembru, 2002, il-kontendenti kienu qablu illi hemm self maghmul mill-Bank of Valletta plc, li sa Settembru, 2001 kien fl-ammont ta' erbatax-il elf, erbgha mija u disgha u ghoxrin Lira Maltija u zewg centezmi (Lm14,429.02), liema self inghata fir-rigward tal-fond matrimonjali tal-kontendenti gewwa n-Naxxar, liema self bhala fatt qieghed jithallas mill-konvenuta b'mod regolari. A fol. 506 tal-process hemm indikat illi sat-23 ta' Dicembru, 2002 l-ammont dovut lill-Bank of Valletta plc kien ta' tlettax-il elf, sebgha mija u hamsa u erbghin lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm13,745.48).

Illi fl-istess seduta xehed **Victor Tonna,** ufficjal inkarigat mis-Salarji fid-Dipartiment tas-Sahha, li esebixxa d-Dok. "VT 1" (a fol. 356 *et seq.* tal-process). Minn dan id-dokument jirrizulta illi l-attur ippercepixxa d-dhul nett ta' hamest elef lira, sebgha mija u sebgha u tletin lira Maltija u hamsa u tmenin centezmu (Lm5,737.85) fis-sena 2002. Il-konvenuta fis-sena 2001 ippercepiet s-somma ta' erbat elef, tminn mija u wiehed u hamsin lira Maltija u erbgha u tmenin centezmu (Lm4,851.84) netti (a fol. 485 tal-process).

Illi xehed ukoll **Paul Gambina** rapprezentant tal-Bank of Valletta plc li esebixxa diversi *statements* mahrugin mill-Bank minnu rapprezentat. Minn analizi ta' dawn id-dokumenti jirrizulta illi hemm is-segwenti kontijiet:-

1) Kont numru 16301076028 mizmum mal-fergha tan-Naxxar tal-Bank of Valletta plc f'isem Margaret Micallef A/C Matthew li sat-28 ta' Gunju, 2002 kien hemm bilanc ta' elf, erbgha mija u wiehed u hamsin lira Maltija u tlieta u disghin centezmu (Lm1,451.93) (Dok. "PG 1");

2) Kont numru 16301076031 mizmum mal-fergha tan-Naxxar tal-Bank of Valletta plc f'isem Margaret Micallef A/C Sarah li sat-28 ta' Gunju, 2002 kien hemm bilanc ta'

disgha mija u tlieta u sittin lira u sitt centezmi (Lm963.06) (Dok. “PG 2”);

3) Kont numru 16304997010 mizmum mal-fergha tan-Naxxar tal-Bank of Valletta plc f’isem Jesmond u Margaret Micallef li sat-28 ta’ Gunju, 2002 kien hemm bilanc ta’ tminn liri Maltin u sebgha u erbghin centezmu (Lm8.47) (Dok. “PG 3”);

4) Kont numru 16304997049 mizmum mal-fergha tan-Naxxar tal-Bank of Valletta plc f’isem Jesmond u Margaret Micallef li sat-30 ta’ Settembru, 2002 kien hemm bilanc ta’ lira Maltija u sitta u tmenin centezmu (Lm1.86) (Dok. “PG 4”);

5) Kont numru 16304997036 mizmum mal-fergha tan-Naxxar tal-Bank of Valletta plc f’isem Jesmond u Margaret Micallef li sat-30 ta’ Settembru, 2002 kien hemm bilanc ta’ sitt liri Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm6.66) (Dok. “PG 5”);

6) Kont numru 16304997023 mizmum mal-fergha tan-Naxxar tal-Bank of Valletta plc f’isem Jesmond u Margaret Micallef, li sat-30 ta’ Settembru, 2002 il-bilanc kien jaqra nil (Lm0.00) (Dok. “PG 6”);

Illi xehed ukoll PC 828 li esebixxa mal-mitt rapport li ghamel l-attur, Jesmond Micallef, gewwa l-Ghassa tal-Pulizija liema rapporti, skond dan ix-xhud jirrigwardaw l-access li ma kienx qed jinghata lill-attur ghall-minuri uliedu mill-konvenuta.

Illi xehdet **Emma De Lucca**, *Social Worker* fic-Centru Hidma Socjali. Din ix-xhud qalet illi f’Settembru, 2001 kien cempel l-attur “*fi stat ta’ paniku inkwetat hafna … emm … smajt hafna ghajjat fil-background jigifieri … u qalli li ghandu problema mal-mara*”. Tghid illi l-attur kien cemplilha izjed minn darba f’mumenti ta’ krizi. Tghid ukoll illi meta kienet semghet l-ghajjat dan kien vuci ta’ mara.

Illi t-tfal tal-kontendenti Matthew u Sarah twieldu fit-18 ta’ Frar, 1992 u fit-18 ta’ Gunju, 1995 rispettivament.

Illi l-konvenuta esebit ittra mibghuta lill-kontendenti fid-19 ta' Settembru, 2002 mill-Middle Sea Valletta Life dwar il-polza fuq il-hajja numru 30730 (a fol. 499).

Illi a fol. 500 u 501 tal-process hemm esebita skrittura iffirmata bejn il-kontendenti fil-25 ta' Novembru, 1989. Minn qari ta' din l-iskrittura jirrizulta illi l-attur, Jesmond Micallef ircieva "*is-somma ta' elf lira Maltija (Lm1,000) per saldo tal-pretensjonijiet tieghu kollha rigwardanti x-xoghol minnu maghmul fil-kors tal-kostruzzjoni tal-fond*" fi New Street off Leli Falzon Street, Naxxar proprjeta` tal-konvenuta Margaret allura Muscat.

## **<u>III. KONSIDERAZZJONIJIET TA' DRITT.</u>**

Illi fl-ewwel lok tinnota l-komportament taz-zewg partijiet waqt il-kawza fejn jidher car li hemm pika kbira bejn l-istess partijiet li litteralment svogaw r-rabja taghhom f'xulxin f'numru esegerat ta' rikorsi, pprezentati minn kull parti dwar il-kwistjonijiet kollha pendenti din il-pronunzjament tas-sentenza, u in gran parti l-istess partijiet rispettivi kienu inadmpjenti anke ghad-digrieti moghtija; certament li dawn ir-rikorsi kollha huma abbuz tal-procedura ta' din il-Qorti *stante* li r-rimedju *pendente lite* kien u ghadu procedura specjali u limitata, izda li l-partijiet f'dan il-kaz irriducew l-istess ghall-procedura kontinwa li f'hafna kazi fil-mori ta' din il-kawza odjerna hadet is-sopravvent anke fuq il-kawza innifisha; dan apparti l-fatt li ma hemm l-ebda dubju li l-partijiet u anke il-familjari taghhom f'certu cirkostanzi, fejn l-indhil taghhom certament ma ghenx, ikkonvulgew lill-ulied fl-iskontru ta' bejniethom b'dannu serju ghall-istess ulied, kif jidher mir-rapport tas-*Social Worker* nominata minn din il-Qorti. Dwar dan il-komportament tal-partijiet, din il-Qorti ser tiehu l-provvedimenti opportuni iktar l-isfel f'din id-decizjoni, u ghall- lum ser tillimita ruhha biss ghal dan.

Illi intant jinghad li bhala ragunijiet ghall-objjettiv tieghu li jitlob il-firda personali l-attur jadduci fil-konfront tal-konvenuta martu l-adulterju, d-dezerzjoni, l-eccessi, s-

swat, l-ingurji gravi u t-theddid *oltre* li hemm inkompatibilita ta' karattru.

Illi minn naha taghha l-konvenuta taddebita fil-konfront ta' l-attur il-vjolenza, t-theddid, il-mohqrija u l-ingurji gravi.

Illi 'n linea generali din il-Qorti tibda biex tghid illi kif inhu pacifiku "*perche il coniuge offeso possa domandare la separazione contro il coniuge colpevole non e` necessario che concorrono gli eccessi, le sevizie, le minaccie, e le ingiurie gravi, ma qualunque di tale cause da sola basta, perche` sia tale da violare profondamente i riguardi della convivenza coniugale*" – (Ara f'dan is-sens is-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta fit-12 ta' Mejju, 1925 fl-ismijiet **"Elisa Thompson vs Edward Thompson"**). Hekk ukoll jinghad fis-sentenzi ripportati fil-volum Vol. XLVI P II p 638 meta jinghad illi "*hu bizzejjed li tikkonkorri wahda biss minnhom ghax din jekk pruvata hi bizzejjed biex tiggustifika t-talba ghas-separazzjoni*" (Vol. XLVI P II p 638), "*purche sia tale da violare profondamente i riguardi della convivenza coniugali*" (Vol. XXVI P II p 110);

In linea generali jinghad ukoll illi kif inhu pacifikament akkolt fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna l-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni ta' separazzjoni l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti minuri (**"Caterina Agius vs Benedict Agius",** Prim' Awla tal-Qorti Civili, 13 ta' Gunju 1967);

**(i) Ragunijiet tal-Firda Personali.**

Illi l-**artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** jghid testwalment illi "*Kull parti mizzewga tista titlob il-firda minhabba l-adulterju tal-parti l-ohra*".

Kif tajjeb gie osservat minn din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, fis-sentenza taghha tas-16 ta' April, 1953 fil-kawza fl-ismijiet **"Rita Spiteri vs Avukat Dr. Albert vs Grech et noe"**. (Kollez. XXXVII.II.693) L-adulterju "*hija bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza*

*s-separazzjoni personali; izda, stante d-diffikulta' tal-prova, kif turi l-assenza ta' dispozizzjoni legislattiva li tillimita din il-prova, huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizji u presunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika*" (p.694).

Illi 'nghad ukoll illi meta wiehed mill-konjugi jakkuza, jallega, jew jaddebita relazzjonijiet extra-maritali, *una volta* mbaghad dawn ma jigux provati lanqas permezz ta' xi ndizji precizi u konkordanti, dan jikkostitwixxi ingurja gravi, li anke wahedha taghti lok ghas-separazzjoni (**"Sarah Formosa vs Harry Formosa"**, Appell Civili, 6 ta' Gunju 1969**; "Dr. Victor Randon vs Josephine Randon"**, Appell Civili, 19 ta' Novembru 1976; **"Doris Mizzi vs Mario Mizzi",** Appell, 19 ta' Mejju 2000);

Illi minn imkien mill-provi, lanqas remotament (sottolinejar tal-Qorti) ma tezisti xi prova illi l-konvenuta kellha xi relazzjoni extra-maritali. Illi allura meta l-attur allega fic-citazzjoni illi martu hija hatja ta' adulterju u baqa` ma ressaq l-ebda prova *in sostenn* ta' din l-akkuza huwa gie li ngurja gravament lill-istess konvenuta. Kif diga` inghad, dan il-fatt wahdu ghandu jaghti lok ghas-separazzjoni.

Illi apparti dan il-fatt li ghadu kif gie konstat minn din il-Qorti, ghandu jirrizulta bl-aktar mod car illi l-partijiet huma t-tnejn hatja lejn xulxin ta' *theddid, eccessi, ngurji gravi u swat* u dan skond ma jirrizultaw mill-provi mhux kontradetti mill-istess partijiet. Lanqas ma gew kontradetti r-rapporti tal-Pulizija li gew ipprezentati u c-certifikati medici. Kif diga` inghad fix-xhieda, hemm ezempji fejn l-attur jammetti ma' terzi (f'dan il-kaz, Claudio Muscat, hu l-konvenuta) illi huwa kien qatta' l-flok tal-konvenuta wara li kien iggieled maghha. Incident iehor huwa meta l-istess attur ammetta ma' dan ix-xhud illi huwa ma kienx ihalli lit-tfal jcemplu lil ommhom waqt li hija tkun ghax-xoghol. Din ix-xhieda ma hijiex kontradetta mill-attur tant li lanqas biss sar xi kontro-ezami lil dan ix-xhud sabiex dawn l-allegazzjonijiet jigu ribattuti jekk kienu inveritjieri. Hekk ukoll dwar il-konvenuta hemm diversi episodji mill-process

fejn jirrizulta illi hija kienet tghajjat ma' zewgha u dan quddiem it-tfal. Hekk per ezempju kien hemm episodju meta filwaqt li l-attur kien qieghed jirritorna lura lill-wild minuri d-dar ta' ommhom, din ta' l-ahhar bdiet tiggieled b'ton aggressiv ma' l-istess attur quddiem it-tfal u quddiem is-*Supervisor*. Episodji ohra bhal dawn, jekk mhux aghar, jezistu *mano a mano,* li wiehed jaqra l-process bid-dettal kif fil-fatt ghamlet il-Qorti. Illi ghalhekk ghandu jirrizulta ampjament illi dan iz-zwieg tfarrak b'mod irrimedjabbli u allura hemm lok li tigi ordnata l-firda personali bejn il-kontendenti.

**<u>(ii) Kura u Kustodja tal-Minuri Matthew u Sarah.</u>**

Illi dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri Matthew u Sarah, ahwa Micallef jinghad illi "*l-kura tat-tfal komuni tal-mizzewgin, sew fil-ligi antika (li titkellem fuq l-edukazzjoni, terminu li ontologikament jimporta l-kura u l-amministrazzjoni tas-sustanzi taghhom (ara De Rohan Lib. III, Capo II, paragrafo XXIV), sew fil-ligi vigenti (ara argument mehud mill-art. 68 Kap. 23), kif ukoll fil-gurisprudenza estera (Annali della Giurisprudenza Italiana, Volume VII, P. II, p.39, Appell Lucca 4 ta' Settembru 1872 in re Buoni utrinque), u f'dik lokali (ara Prim' Awla Civili, 8 ta' Dicembru 1858, "Lawless utrinque", Vol. I pag. 180, kolonna sekonda (2da.) med.; Appell 26 ta' April 1867, "Camenzuli vs. Gatt", Volume IV, pagina 74, kolonna prima in fine; Prim' Awla Civili 28 ta' Jannar 1956 in re "John Cutajar vs Amelia mart l-istess John Cutajar"; u hafna ohrajn), hija regolata mill-principju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantagg ghall-interess tal-istess tfal li c-cirkustanzi tal-kaz u l-koefficjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuggerixxu; Illi, in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enuncjata ghandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewgin, sew meta l-konjugi jisseparaw ruhhom gudizzjarjament, sew meta jigu biex jisseparaw konsenswalment; (Ara Giuseppe Scicluna vs Maria Scicluna pro et noe deciza mill-Prim' Awla fil-31 ta' Mejju, 1958)*.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **“Susan Ellen Lawless vs Il Reverendo George Lawless”** din il-Qorti kienet qalet fit-8 ta’ Dicembru, 1858 illi “*la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera’ piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta’, ed a tutte le circostanze del caso – sotto quei provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli*”.

Illi nghad ukoll fil-kawza fl-ismijiet **“John Cutajar vs Amelia Cutajar et”** deciza minn din il-Qorti fit-28 ta’ Jannar, 1956 illi “*apparti l-hsieb ta’ ordni morali u dak ta’ ordni legali, li ghandhom setgha fil-materja ta’ kura u kustodja tat-tfal in generali, il-principju dominanti ‘in subjecta materia’, li jiddetermina normalment u generalment il-kwistjonijiet bhal din insorta f’dina l-kawza, huwa dak tal-aktar utilita’ u dak tal-aqwa vantagg u nteress tal-istess minuri fl-isfond tac-cirkostanzi personali u ‘de facto’ li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jigi rizolut*” u “*Fil-kamp li fuqu qeghdin nitkellmu, ghalkemm il-parti umanitarja ghandha certament l-importanza taghha fir-relazzjoni tal-persuni li jkunu taw il-hajja lill-istess minuri, eppure l-istess ma ghandhiex tipprevali fuq l-interess u vantagg dirett tal-istess tfal; bhal ma ghandhiex ikollha fil-hajja ta’ kuljum - kif l-esperjenza tghallem - prevalenza l-affezzjoni jew l-attakkament lejn persuna, anki jekk dettat minn natura, fuq id-dover impost mir-raguni fl-azzjonijiet tal-bniedem tant bhala membru tal-familja, kemm bhala membru tal-komunita li lilha jkun jappartjeni. Meta l-ghajn tar-raguni, f’xelta tal-azzjoni li bniedem jkun irid ta’ bilfors jaghzel li jaghmel, turi dover, impellenti versu certa linea ta’ kondotta, ghalkemm dik l-ghazla tkun timporta azzjoni drastika fil-kamp umanitarju, eppure dik il-hruxija ma tkunx hlief apparentement tali; in kwantokke li bilanci tal-mohh id-dover, li jeleva l-bniedem, u mhux ibaxxieh, ikun ghaleb kwalunkwe konsiderazzjoni ohra li di fronti ghalieh (dover) tkun anqas tajba u anqas dinjituza*”.

Illi *in vista* ta’ dak li ghadu kif gie premess ghandu jirrizulta illi huwa fl-interess tat-tfal illi dawn jkollhom certu stabbilita

f'hajjithom. Huwa importanti li l-genituri jifhmu illi lit-tfal ma jdahhluhomx u ma jaghmluhomx parti mill-litigju taghhom. It-tfal huma estraneji ghall-kwistjonijiet ta' bejn il-genituri. Ma kenux it-tfal li taw lok ghal din il-firda izda, kif diga` inghad u kif irrizulta mill-provi kienu l-istess genituri, kontendenti li ikkawzaw din il-firda. Illi ghalhekk l-genituri ghandhom jirrejalizzaw illi it-tfal ma ghandhom x'jaqsmu xejn ma din is-sitwazzjoni li gabu b'idejhom stess l-istess kontendenti. Jinghad illi "*the best parent is both parents*". Il-partijiet ghandhom jirrejalizzaw dan il-punt u ghandhom jaghmlu minn kollox sabiex jattwaw dan l-insenjament. F'certu kazijiet, u minhabba l-kostrizzjoni tac-cirkostanzi tal-kaz, parti jkollha l-kura u l-kustodja tal-minuri u l-parti l-ohra jkollha access ghall-minuri. Huwa importanti f'dan l-aspett illi l-partijiet jifhmu illi minn effettivament ikollu l-kura u l-kustodja tal-minuri ma jkunx qieghed "*jerbah"* lit-tfal mill-parti l-ohra. Fejn jidhlu t-tfal ma hemmx rebh u telf. It-tfal huma taz-zewg genituri. It-tfal gew fid-dinja bis-sehem taz-zewg genituri. Kull tifel u tifla, f'kawzi ta' separazzjoni, u sakemm ic-cirkostanzi ma jindikawx mod iehor, ghandu jkollu zewg genituri – omm u missier. Huwa importanti illi l-genituri jinvolvu ruhhom fit-trobbija tal-ulied u ma joqghodux jimpikaw ma' xulxin fuq dan l-aspett.

Illi l-Qorti, fl-interess tal-minuri tordna li l-istess minuri ghandhom jigu fdati fil-kura u kustodja tal-konvenuta bi dritt ta' access favur l-attur. Bhala modalita' ta' l-istess access ghandu jsir dak li gie suggerit mill-istess *Social Worker* inkarigata minn din il-Qorti u wkoll kif sottomess mill-istess attur fir-rikors tieghu tat-30 ta' Mejju 2003 pero' b'dawn il-modifiki b'dan ghalhekk li l-attur ghandu jkollu access ghall-istess minuri fill-granet *rest* u *off* li jkunu f'nofs il-gimgha u l-access ghandu jibda minn meta l-minuri jispiccaw l-iskola sas-sitta u nofs ta' filghaxija (6.30p.m.). Meta l-istess ulied ikun fil-vaganzi u ma jkollhomx skola l-istess access jibqa' fil-granet ta' *rest u off* tal-attur, b'dan li l-access jibda fl-4.00.p.m. sas-6.30.p.m. Meta l-granet tar-*rest* jew *off* jinzertaw fil-*weekend* l-access ghandu jibda mid-disgha ta' filghodu (9.00a.m.) sal-erbgha ta' wara nofs-in-nhar (4.00p.m.). Ir-ragel ghandu jigbor u jirritorna lit-tfal mir-residenza tal-mara. Jinghad ukoll illi t-tfal ma ghandhomx ikunu

suggetti ghall-prezenza ta' terzi persuni tas-sess oppost li ma jkunux familjari tal-partijiet, liema obbligu jibqa jissussisti bejn il-partijiet anke wara li tigi ppronunzjata l-firda taghhom. Sabiex jigi evitat kwalsiasi ekwivoku bejn il-partijiet, il-Qorti qeghda tordna illi fil-Milied tas-sena elfejn u erbgha (2004) il-minuri ghandhom ikunu mal-attur, mid-disgha ta' filghodu (9.00a.m.) sa nofsinhar (12.00p.m.) u nhar l-Ewwel tas-Sena, elfejn u hamsa (2005) minn nofsinhar (12.00p.m.) sas-sebgha ta' fil-ghaxija (7.00p.m.). Fil-Milied tas-sena elfejn u hamsa (2005) il-minuri ghandhom ikunu mal-attur minn nofsinhar (12.00p.m.) sas-sebgha ta' fil-ghaxija (7.00p.m.) u nhar l-Ewwel tas-Sena, elfejn u sitta (2006) mid-disgha ta' filghodu (9.00a.m.) sa nofs-in-nhar (12.00p.m.). Dan l-arrangament ghandu jibqa` jalterna ruhhu b'dan il-mod kif inghad kull sena. Din l-ordni ghanda tghodd anke jekk il-gurnata tal-Milied u/jew l-Ewwel tas-Sena, jahbtu fil-granet tar-*rest* jew *off* ta' l-attur. Illi l-Qorti tordna wkoll li dan l-arrangament kolllu ghandu jkun segwit mill-Agenzija Appogg, u ghal dan l-iskop tordna lill-attur sabiex jinnotifika a spejjez tieghu din id-decizjoni lill-Agenzija Appogg.

Illi ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u fl-interess suprem tal-minuri – u dan sakemm ma jkunx hemm ordni ta' Qorti Maltija kompetenti u li tvarja din id-decizjoni, id-domicilju u r-residenza tal-minuri Matthew u Sarah ghandha tibqa' Malta u kull parti hija projbita milli tiehu l-istess minuri barra minn dawn il-Gzejjer salv b'digriet espress tal-Qorti kompetenti.

**<u>(iii) Manteniment tal-minuri Matthew u Sarah.</u>**

Illi dwar il-manteniment, din il-Qorti kif ippreseduta fil-kawza fl-ismijiet **"Georgina Schembri pro et noe vs Dino Schembri"** deciza fit-28 ta' Novembru, 2002 qalet illi:-

*"L-obbligi ta' manteniment tal-konjugi huma regolati bl-artikolu 3 tal-Kap 16 li jipprovdi li:-*

*Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lill-xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja.”*
Illi skond l-**artikolu 3 B tal-Kap 16** hemm stipulat illi:-

“*Iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewgin l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lill-ulied li jigu miz-zwieg skond il-hila, xehtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied*.”

Illi skond l-**artikolu 7 (1) tal-istess Kap 16** jinghad li:-

“*Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta’ dan il-Kodici*.”

Illi ghalhekk abbazi tal-premess, jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-ligi, li l-genituri ghandhom l-istess obbligi *verso* l-ulied taghhom, u ghalhekk it-tnejn li huma ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija tal-istess, aktar u aktar meta llum il-mizzewgin huma f’pozizzjoni ta’ ugwaljanza u ghandhom l-istess drittijiet u allura, anke skond l-**artikolu 2 tal-Kap 16** “*jerfghu r-responsabbiltajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom*.”

Illi certament li l-obbligi mnizzla miz-zwieg, isofru mutament fil-kors ta’ separazzjoni bejn il-partijiet, anke fil-kazijiet bhal dak odjern ta’ *pendente lite*, per` l-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied jibqa’ bazikament l-istess dettat kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skond id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 20 tal-istess Kap**, u l-bzonnijiet tal-istess minuri, u fl-interess tal-istess minuri.

Illi huwa ovvju li kif ghandha tkun tali kontribuzzjoni minn kull wiehed mill-genituri, tvarja minn kaz ghal kaz, u hafna jiddependi fuq il-mezzi rispettivi u l-bzonnijiet tal-istess minuri, pero’ xorta jibqghu veljanti u skjetti l-principji li jirregolaw l-istess dmirijiet u obbligazzjonijiet tal-genituri *verso* l-istess ulied, specjalment ghall-manteniment tal-istess fit-termini preskritti fl-**artikolu 19 (1) u (2) u l-artikolu 20 tal-Kap 16**, li ghalhekk jinkludu kontribuzzjoni

ghall-ikel, ilbies, sahha u abitazzjoni u spejjez mehtiega ghall-istess sahha u ghall-edukazzjoni taghhom u skond il-bilanc bejn il-bzonn u l-mezzi, kkalkulati *ai termini* tas-sub-artikoli tal-istess **artikolu 20**. Illi dan apparti l-obbligi tal-kontendenti li jmantnu lil xulxin skond id-dettami tal-ligi, u skond il-kalkoli hemm indikati.

Illi din il-Qorti taqbel ukoll mal-konsiderazzjoni li ghamlet din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, fil-kawza fl-ismijiet **"Marthese Vella pro et noe vs George Vella"** deciza fit-28 ta' Frar, 2003 fejn inghad illi "*l-fatt li l-mara ma tahdimx ma jfissirx li din ma ghandhiex il-potenzjal li tahdem u tiggenera introjtu*". Inghad ukoll f'din l-istess sentenza illi "*t-tibdil legislattiv filwaqt li rrikonoxxa l-avvanz tal-mara gab mieghu wkoll responsabilitajiet fuq il-mara mizzewga ferm aktar milli kellha qabel. Dawn ir-responsabbilitajiet huma riflessi wkoll anke fejn jirrigwarda l-manteniment. Li jfisser li hi wkoll trid terfa' bhal zewgha r-responsabbilita` ghal dak li jirrigwarda l-manteniment tal-familja*". (Ara decizjoni fl-ismijiet **"Doris Tabone vs Carmelo Tabone"**, Appell, 15 ta' Dicembru 1997.

Illi din il-Qorti, tghid illi dan hu hekk in principju, pero' jista jkun li jkun hemm kazijiet fejn minhabba c-cirkostanzi tal-kaz, il-genitur li jkun afdat bil-kura u l-kustodja tal-minuri ma jkunx jista` jahdem u dan minhabba li jkun irid jippresta l-attenzjoni u l-kura tieghu ghat-trobbija ta' l-imsemmi minuri. Illi ghalhekk jekk tezisti raguni sufficjenti bhal din hawn appena msemmija, jista jkun illi parti fiz-zwieg ikollha thallas il-manteniment lill-parti l-ohra ghal tul ta' zmien.

Illi ghar-rigward ta' l-obbligu tal-manteniment, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **"Anthony Licari vs Caroline Licari pro et noe"** deciza fis-6 ta' April, 1992 qalet illi "*l-obbligu ta' l-attur li jmantni lil uliedu jigi qabel l-obbligu tal-konvenuta*". Din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, dwar dan l-obbligu ta' manteniment lill-minuri qalet illi "*dan l-obbligu ghall-manteniment m'huwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew mal-introjtu tal-missier izda huwa obbligu assolut*" (Ara **"Maria Bugeja**

**pro et noe vs Spiridione sive Stephen Bugeja"** – Cit. Nru 154/94).

Illi l-Onorabbli Sekond' Awla tal-Qorti Civili fid-digriet moghti minnha fil-11 ta' Settembru, 2001 numru 1288/01 ordnat lil konvenut sabiex jhallas l-ammont ta' tmenin lira Maltin (Lm80) manteniment ghaz-zewg minuri pagabbli kull xahar bil-quddiem fir-residenza ta' l-intimata.

Illi mid-dokumenti esebiti jirrizulta illi l-attur kellu ntrojtu ta' hamest elef, sebgha mija u sebgha u tletin lira u hamsa u tmenin centezmu (Lm5,737.85) netti fis-sena 2002 mentri l-konvenuta ippercepiet id-dhul nett ta' erbat elef, tminn mija u wiehed u hamsin lira Maltija u erbgha u tmenin centezmu (Lm4,851.84) fis-sena 2001. B'hekk jigi li l-attur jippercepixxi cirka erbgha mija u tmienja u sebghin lira Maltija (Lm478) netti fix-xahar u l-konvenuta tippercepixxi cirka erbgha mija u erba` liri Maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm404.32) fix-xahar.

Illi ghalhekk *in vista* tal-provi prodotti, tad-dhul rispettiv tal-partijiet, u *in vista* tal-fatt li l-kura u l-kustodja nghatat lill-konvenuta, b'dan li dawn l-istess minuri ser jghixu maghha hlief ghad-dritt ta' access favur l-attur kif premess, u wara li din il-Qorti rat id-digriet moghti mill-Onorabbli Sekond' Awla ta' din il-Qorti fil-11 ta' Settembru, 2001 hija qeghda tikkundanna lill-attur (u dan *in vista* tat-tielet talba tal-konvenuta fil-kontro-talba taghha) sabiex ihallas l-ammont ta' disghin lira Maltin (Lm90) fix-xahar ghall-minuri bhala manteniment ghall-istess, liema ammont ghandu jizdied skond l-indici ta' l-gholi tal-hajja, kull perjodu ta' tlett snin, tali perjodu jibda mid-data ta' din is-sentenza u liema ammont ghandhu jitnaqqas direttament mill-paga tal-attur mill-*employer* tal-istess u jintbghat direttament lill-konvenuta fir-residenza taghha bix-xahar bil-quddiem ukoll b'effett mid-data ta' din is-sentenza u tordna lill-konvenuta sabiex a spejjez taghha tinnotifika kopja legali ta' din is-sentenza lill-*employer* tal-attur sabiex l-istess jaderixxi ruhhu mal-premess.

**<u>(iv) Manteniment tal-konvenuta.</u>**

Illi *stante* li din il-Qorti hija tal-opinjoni li z-zewg kontendenti ghandhom x'jahtu t-tnejn ghas-separazzjoni, il-Qorti (u dan skond ma talbet il-konvenuta fit-tielet talba fil-kontro-talba taghha) b'applikazzjoni tal-**artikolu 48 (1) (d)** fil-konfront taz-zewg partijiet tiddikjara li z-zewg partijiet iddekadew mid-dritt li jesigu il-hlas ta' manteniment minghand il-parti l-ohra.

**<u>(v) Xoljiment tal-Kommunjoni ta' l-Akkwisti.</u>**

Illi qabel ma tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti l-Qorti jehtigilha taghmel esercizju sabiex tara x'hemm bhala attiv u bhala passiv f'din l-istess komunjoni. Illi din il-Qorti qeghda tiddikjara ghal-finijiet u effetti kollha tal-ligi illi l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti ghandha tigi xolta b'effett immedjat mid-data ta' din is-sentenza.

Illi dwar il-kontijiet bankarji mizmuma mal-Bank of Valletta plc dawn ghandhom jinqasmu bis-segwenti mod u cjoe' dawk li jinsabu intestati fuq isem il-mara ghan-nom ta' l-ulied minuri u cjoe` l-kont bin-numru 16301076028 (f'isem Margaret Micallef A/C Matthew) u il-kont bin-numru 16301076031 (f'isem Margaret Micallef A/C Sarah) ghandhom jibqghu hekk mizmumin b'tali mod ili dawn il-flejjes ma jistghux jingiebdu jekk mhux fl-interess tal-minuri u dan f'kaz ta' bzonn biss u wara d-debita awtorizzazzjoni mill-Qorti kompetenti.

Illi l-erba' kontijiet mizmuma mal-Bank of Valletta plc fergha tan-Naxxar u cjoe` l-kontijiet bin-numri 16304997010, 16304997049, 16304997036 u 16304997023 ghandhom jigu assenjati lill-attur.

Illi l-vettura tat-tip Skoda Felicia Combi Reg. No. HAN 848 ghandha tigi assenjata lill-attur (gja fil-pussess tieghu) filwaqt li l-vettura tat-tip Skoda 120L Reg. No. IAF 287 ghandha tigi assenjata lill-konvenuta (gja fil-pussess taghha). Il-polza ta' l-assikurazzjoni fuq il-hajja numru 30730 mizmuma mal-Middle Sea Valletta Life skond l-

konvenuta giet xolta u giet maqsuma bejn il-partijiet u ghalhekk ma hemm xejn izjed dwar l-istess x'jigi maqsum.

Illi fir-rigward tad-dar matrimonjali, din ghandha tigi assenjata fl-intier taghha lil konvenuta b'dan illi l-istess konvenuta ghandha tibqa thallas d-debitu u s-self kollu li hemm pendenti mal-Bank of Valletta plc, gravanti l-istess fond. L-ebda ammont ma huwa dovut mill-konvenuta lill-attur fuq l-istess dar u dan ghas-segwenti ragunijiet:-

(a) Illi fl-ewwel lok jdher u jirrizulta li l-attur ha l-flus li kien gewwa d-dar matrimonjali u cjoe' l-ammont ta' elfejn u wiehed u disghin lira Maltija (Lm2,091) (Dok. "MM8" a fol. 509 tal-process) meta huwa gie ordnat sabiex jivvaka mill-fond matrimonjali *pendente lite*;

(b) Illi fit-tieni lok jirrizulta li l-konvenuta ghandha kreditu kontra l-komunjoni ta' l-akkwisti fl-amont ta' disa' u ghoxrin elf lira Maltija (Lm29,000) u dan *stante* li meta hija bieghet id-dar parafernali taghha, hija investiet ir-rikavat mill-istess bejgh kollu fid-dar matrimonjali tal-kontendenti, u ghalhekk s-sehem tal-attur mill-istess fond qed jigi trasferit lill-konvenuta in sodisfazzjon u *per saldo* ghal tali kreditu tal-konvenuta kontra l-komunjoni tal-akkwisti.

(c) Illi flimkien mal-assenjazzjoni tad-dar matrimonjali lill-konvenuta qed jigi assenjat lill-istess konvenuta s-self kollu gravanti l-istess imsemmija dar matrimonjali liema self huwa indikat fil-*Loan Account Statement* esebiet a fol. 503 mas-socjeta' Bank of Valletta plc Numru tal-Kont 36304997016.

Illi finalment ghar-rigward ta' l-affarijiet li jinstabu fid-dar matrimonjali, din il-Qorti hija tal-opinjoni li tordna l-assenjazzjoni tal-istess wkoll *arbitro boni viri* b'dan li l-istess mobbli ghandhom jigu assenjati lill-konvenuta, (b'dan li kull dejn fuq l-istess mobbli inkluzi d-dejn ezistenti fuq l-*air conditioners* ghandhom jibqghu a karigu tal-konvenuta), bl-eccezzjoni ta' kwantita' ta' oggetti li diga` ha l-attur *pendente lite* u li gew indikati fin-nota tal-konvenuta, u li baqghu fil-pussess tal-attur, li ghandhom jigu assenjati lill-istess attur, anke ghaliex l-istess attur

ghazel li jibqa' jzomm l-istess oggetti minkejja d-digrieti ta' din il-Qorti sabiex jirritorna l-istess.

Illi z-zewg partijiet ghamlu talba separata sabiex din il-Qorti "*tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att opportun tal-qasma u assenjazzjoni u Kuratur sabiex jirraprezenta l-kontumacja tal-konvenuta f'kaz ta' bzonn*" (il-hames talba ta' l-attur) u "*tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att ta' divizjoni relattiv u kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att*" (is-sitt talba fil-kontro-talba tal-konvenuta). Illi dawn iz-zewg talbiet qed jigi milqugha anke abbazi tal-assenjazzjoni tal-fond li kien matrimonjali lill-attrici u ghalkl dan l-iskop tinnomina lin-Nutar Mario Bugeja u lill-Avukat Dottor Vincent Galea bhala kuratur deputat ghall-eventwali kontumaci, dan apparti li l-**artikolu 62A tal-Kodici Civili** jghid illi "*Is-separazzjoni personali ma ghanda ebda effett kontra t-terzi hlief minn dakinhar li s-sentenza jew il-kuntratt, skond il-kaz, jigu mnizzla fir-Registru Pubbliku*". Dan ifisser li anke t-tmien talba kontenuta fil-kontro-talba tal-konvenuta ghandha tigi milqugha ghalkemm il-ligi stess tipprovdi ghall-istess.

## <u>III. KONKLUZJONI</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, u **tichad it-tieni (2) u s-sitt (6) talba attrici wkoll kif hawn deciz u tilqa' l-kumplament tat-talbiet attrici** biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tilqa in parte l-ewwel talba attrici u tiddikjara li z-zwieg iccelebrat fit-2 ta' Dicembru, 1990 tkisser irrimedjabbilment minhabba htija b'mod ugwali tal-partijiet, liema htija kienet frott it-theddid, l-eccessi, ingurji gravi u s-swat li zewg partijiet kkommettew kontra xulxin, u li minhabba l-istess z-zwieg tkisser irremedjabbilment u anke minhabba inkompatibilita ta' karattru tal-partijiet.

2. Tichad it-tieni talba attrici b'dan illi fl-interess suprem tal-minuri tordna li l-istess minuri ghandhom jigu fdati fil-

kura u kustodja tal-konvenuta bi dritt ta’ access favur l-attur. Bhala modalita’ ta’ l-istess access l-attur ghandu jkollu access ghall-istess minuri fill-granet *rest* u *off* li jkunu f’nofs il-gimgha u l-access ghandu jibda minn meta l-minuri jispiccaw l-iskola sas-sitta u nofs ta’ filghaxija (6.30p.m.). Meta l-istess ulied ikun fil-vaganzi u ma jkollhomx skola l-istess access jibqa’ fil-granet ta’ *rest u off* tal-attur, b’dan li l-access jibda fl-4.00.p.m. sas-6.30.p.m. Meta l-granet tar-*rest jew off* jinzertaw fil-*weekend* l-access ghandu jibda mid-disgha ta’ filghodu (9.00a.m.) sal-erbgha ta’ wara nofsinhar (4.00p.m.). Ir-ragel ghandu jigbor u jirritorna lit-tfal mir-residenza tal-mara. Jinghad ukoll illi t-tfal ma ghandhomx ikunu suggetti ghal presenza ta’ terzi persuni tas-sess oppost li ma jkunux familjari tal-partijiet, liema obbligu jibqa jissussisti bejn il-partijiet anke wara li tigi ppronunzjata l-firda taghhom. Sabiex jigi evitat kwalsiasi ekwivoku bejn il-partijiet, il-Qorti qeghda tordna illi fil-Milied tas-sena elfejn u erbgha (2004), il-minuri ghandhom ikunu mal-attur, mid-disgha ta’ filghodu (9.00a.m.) sa nofsinhar (12.00p.m.) u nhar l-Ewwel tas-Sena elfejn u hamsa (2005), minn nofsinhar (12.00p.m.) sas-sebgha ta’ fil-ghaxija (7.00p.m.). Fil-Milied tas-sena elfejn u hamsa (2005), il-minuri ghandhom ikunu mal-attur minn nofs-in-nhar (12.00p.m.) sas-sebgha ta’ fil-ghaxija (7.00p.m.) u nhar l-Ewwel tas-Sena elfejn u sitta (2006), mid-disgha ta’ filghodu (9.00a.m.) sa nofsinhar (12.00p.m.). Dan l-arrangament ghandu jibqa jalterna ruhhu b’dan il-mod kif inghad kull sena. Din l-ordni ghanda tghodd anke jekk il-gurnata tal-Milied u/jew l-Ewwel tas-Sena jahbtu fil-granet tar-*rest* jew *off* ta’ l-attur. Illi l-Qorti tordna wkoll li dan l-arrangament kolllu ghandu jkun segwit mill-Agenzija Appogg, u ghal dan l-iskop tordna lill-attur sabiex jinnotifika a spejjez tieghu din id-decizjoni lill-Agenzija Appogg.

Illi ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi, u fl-interess suprem tal-minuri – u dan sakemm ma jkunx hemm ordni ta’ Qorti Maltija kompetenti li tvarja din id-decizjoni, d-domicilju u r-residenza tal-minuri Matthew u Sarah ghandha tibqa’ Malta u kull parti hija projbita milli tiehu l-istess minuri

barra minn dawn il-Gzejjer salv b'digriet espress tal-Qorti kompetenti.

1. Tilqa in parte t-tielet talba u tiddikjara li kemm l-attur u kemm il-konvenuta iddekadew mid-drittijiet taghhom ghar-ragunijiet fuq indikati u ghalhekk ghandhu jigi applikat fil-konfront tal-istess **l-artikolu 48 (1) (a) (b) u (d) tal-Kap 16.**

2. Tilqa' ir-raba talba u tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet f'din il-kawza ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi b'effett mid-data ta' din id-decizjoni.

Illi in *oltre*, il-Qorti qeghda tiddikjara li l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet tigi likwidata u diviza bis-segwenti mod:-

(i) Illi dwar il-kontijiet bankarji mizmuma mal-Bank of Valletta plc, dawn ghandhom jinqasmu bis-segwenti mod u cjoe' dawk li jinsabu intestati fuq isem il-mara ghan-nom tal-ulied minuri u cjoe' l-kont bin-numru 16301076028 (f'isem Margaret Micallef A/C Matthew) u l-kont bin-numru 16301076031 (f'isem Margaret Micallef A/C Sarah) ghandhom jibqghu hekk mizmumin b'tali mod ili dawn il-flejjes ma jistghux jingibdu jekk mhux fl-interess tal-minuri u dan f'kaz ta' bzonn biss u wara d-debita awtorizzazzjoni mill-Qorti kompetenti.

(ii) Illi l-erba' kontijiet mizmuma mal-Bank of Valletta plc fergha tan-Naxxar u cjoe' l-kontijiet bin-numri 16304997010, 16304997049, 16304997036 u 16304997023 ghandhom jigu assenjati lill-attur.

(iii) Illi l-vettura tat-tip Skoda Felicia Combi Reg. No. HAN 848 ghandha tigi assenjata lill-attur (gja fil-pussess tieghu) filwaqt li l-vettura tat-tip Skoda 120L Reg. No. IAF 287 ghandha tigi assenjata lill-konvenuta (gja fil-pussess taghha).

(iv) Illi fir-rigward ta' dak li kienet d-dar matrimonjali, San Frangisk, Triq l-Oratorju Naxxar din ghandha tigi assenjata fl-intier taghha lill konvenuta b'dan illi l-istess

konvenuta ghandha tibqa thallas d-debitu u s-self kollu li hemm pendenti mal-Bank of Valletta plc, gravanti l-istess fond. L-ebda ammont ma huwa dovut mill-konvenuta lill-attur fuq l-istess dar u dan ghas-segwenti ragunijiet:-

(a) Illi fl-ewwel lok jidher u jirrizulta li l-attur ha il-flus li kien gewwa d-dar matrimonjali u cjoe' l-ammont ta' elfejn u wiehed u disghin lira Maltija (Lm2,091) (Dok. "MM8" a fol. 509 tal-process) meta huwa gie ordnat sabiex jivvaka mill-fond matrimonjali *pendente lite*; dan l-ammont jibqa' ghalhekk tal-istess attur.

(b) Illi fit-tieni lok jirrizulta li l-konvenuta ghandha kreditu kontra l-komunjoni ta' l-akkwisti fl-ammont ta' disa' u ghoxrin elf lira Maltija (Lm29,000) u dan *stante* li meta hija bieghet id-dar parafernali taghha, hija investiet ir-rikavat mill-istess bejgh kollu fid-dar matrimonjali tal-kontendenti, u ghalhekk s-sehem tal-attur mill-istess fond qed jigi trasferit lill-konvenuta in sodisfazzjon u *per saldo* ghall tali kreditu tal-konvenuta kontra l-komunjoni tal-akkwisti.

(c) Illi flimkien mal-assenjazzjoni tad-dar matrimonjali, lill-konvenuta qed jigi assenjat lilha s-self kollu gravanti l-istess imsemmija dar matrimonjali liema self huwa indikat fil-*Loan Account Statement* esebiet a fol. 503 mas-socjeta' Bank of Valletta plc Numru tal-Kont 36304997016.

(v) Illi finalment ghar-rigward ta' l-affarijiet li jinstabu fid-dar matrimonjali, din il-Qorti tordna l-assenjazzjoni tal-istess ukoll *arbitro boni viri,* b'dan li l-istess mobbli ghandhom jigu assenjati lill-konvenuta, (b'dan li kull dejn fuq l-istess mobbli inkluzi d-dejn ezistenti fuq l-*air conditioners* ghandhom jibqghu a karigu tal-konvenuta), bl-eccezzjoni ta' kwantita' ta' oggetti li diga` ha l-attur *pendente lite* u li gew indikati fin-nota tal-konvenuta, u li baqghu fil-pussess tal-attur, li ghandhom jigu assenjati lill-istess attur, anke ghaliex l-istess attur ghazel li jibqa' jzomm l-istess oggetti minkejja d-digrieti ta' din il-Qorti sabiex jirritorna l-istess.

3. Tinnomina lin-Nutar Mario Bugeja sabiex jircievi l-att opportun tal-assenjazzjoni tal-immobbli fuq ndikata lill-

konvenuta u lil Dr. Vincent Galea bhala kuratur deputat ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

4. Tichad din it-talba *stante* li l-attur gja jinsab fil-pussess tal-beni parafernali tieghu inkluz tal-vettura tat-tip Skoda Felicia Combi;

Bl-ispejjez tac-citazzjoni attrici salv dak li ser jinghad iktar ‘il quddiem jinqasmu bin-nofs bejn il-partjiet.

Illi ghar-rigward tal-**kontro-talba pprezentata mill-konvenuta** din il-Qorti **taqta’ u tiddeciedi**, billi **tilqa’ t-talbiet tal-istess konvenuta fir-rikonvenzjoni taghha** biss fis-sens hawn premess b’dan illi:

1. Tilqa’ in parte l-ewwel talba tal-konvenuta u tiddikjara li z-zwieg iccelebrat fit-2 ta’ Dicembru, 1990 tkisser irrimedjabbilment minhabba htija b’mod ugwali tal-partijiet, liema htija kienet frott it-theddid, l-eccessi, ingurji gravi u s-swat li zewg partijiet ikkomettew fil-konfront ta’ xulxin u li kawza tal-istess z-zwieg tkisser irremedjabbilment u anke minhabba inkompatibilita` ta’ karattru tal-partijiet.

2. Tilqa’ t-tieni talba tal-konvenuta b’dan illi fl-interess suprem tal-minuri tordna li l-istess minuri ghandhom jigu fdati fil-kura u kustodja tal-konvenuta bi dritt ta’ access favur l-attur. Bhala modalita’ ta’ l-istess access l-attur ghandu jkollu access ghall-istess minuri fill-granet *rest* u *off* li jkunu f’nofs il-gimgha u l-access ghandu jibda minn meta l-minuri jispiccaw l-iskola sas-sitta u nofs ta’ filghaxija (6.30p.m.). Meta l-istess ulied ikun fil-vaganzi u ma jkollhomx skola l-istess access jibqa’ fil-granet ta’ *rest u off* tal-attur, b’dan li l-access jibda fl-4.00.p.m. sas-6.30.p.m. Meta l-granet tar-*‘rest’ jew ‘off’* jinzertaw fil-*weekend* l-access ghandu jibda mid-disgha ta’ filghodu (9.00a.m.) sal-erbgha ta’ wara nofsinhar (4.00p.m.). Ir-ragel ghandu jigbor u jirritorna lit-tfal mir-residenza tal-mara. Jinghad ukoll illi t-tfal ma ghandhomx ikunu suggetti ghal presenza ta’ terzi persuni tas-sess oppost li ma jkunux familjari tal-partijiet, liema obbligu jibqa jissussisti bejn il-partijiet anke wara li tigi ppronunzjata l-firda

taghhom. Sabiex jigi evitat kwalsiasi ekwivoku bejn il-partijiet, il-Qorti qeghda tordna illi fil-Milied tas-sena elfejn u erbgha (2004), il-minuri ghandhom ikunu mal-attur, mid-disgha ta' filghodu (9.00a.m.) sa nofs-in-nhar (12.00p.m.) u nhar l-Ewwel tas-Sena elfejn u hamsa (2005) minn nofsinhar (12.00p.m.) sas-sebgha ta' fil-ghaxija (7.00p.m.). Fil-Milied tas-sena elfejn u hamsa (2005) il-minuri ghandhom ikunu mal-attur minn nofsinhar (12.00p.m.) sas-sebgha ta' fil-ghaxija (7.00p.m.) u nhar l-Ewwel tas-Sena elfejn u sitta (2006), mid-disgha ta' filghodu (9.00a.m.) sa nofs-in-nhar (12.00p.m.). Dan l-arrangament ghandu jibqa jalterna ruhhu b'dan il-mod kif inghad kull sena. Din l-ordni ghandha tghodd anke jekk il-gurnata tal-Milied u/jew l-Ewwel tas-Sena jahbtu fil-granet tar-*rest* jew *off* ta' l-attur. Illi l-Qorti tordna wkoll li dan l-arrangament kolllu ghandu jkun segwit mill-Agenzija Appogg, u ghal dan l-iskop tordna lill-attur sabiex jinnotifika a spejjez tieghu din id-decizjoni lill-Agenzija Appogg.

Illi ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u fl-interess suprem tal-minuri – u dan sakemm ma jkunx hemm ordni ta' Qorti Maltija kompetenti li tvarja din id-decizjoni, d-domicilju u r-residenza tal-minuri Matthew u Sarah ghandha tibqa' Malta u kull parti hija projbita milli tiehu l-istess minuri barra minn dawn il-Gzejjer salv b'digriet espress tal-Qorti kompetenti.

3. Tilqa biss in parte it-tielet talba tal-konvenuta b'dan li tikkundanna lill-attur sabiex ihallas lill-konvenuta ghan-nom tal-istess minuri, l-ammont ta' disghin lira Maltin (Lm90) fix-xahar ghall-minuri bhala manteniment ghall-istess, liema ammont ghandu jizdied skond l-indici tal-gholi tal-hajja, kull perjodu ta' tlett snin, tali perjodu jibda mid-data ta' din is-sentenza u liema ammont ghandu jitnaqqas direttament mill-paga tal-attur mill-*employer* tal-istess u jintbaghat direttament lill-konvenuta fir-residenza taghha bix-xahar bil-quddiem ukoll b'effett mid-data ta' din is-sentenza u tordna lill-konvenuta sabiex a spejjez taghha tinnotifika kopja legali ta' din is-sentenza lill-*employer* tal-attur sabiex l-istess jaderixxi ruhhu mal-premess.

Illi dwar it-talba ghall-manteniment tal-konvenut tichad din it-talba *stante* li b'applikazzjoni tal-**artikolu 48 (1) (d)** fil-konfront taz-zewg partijiet din il-Qorti tiddikjara li z-zewg partijiet iddekadew mid-dritt li jesigu il-hlas ta' manteniment minghand il-parti l-ohra b'dan li kull parti qed tigi ddikjarata li ddekadiet mid-dritt ta' manteniment kontra l-parti l-ohra.

4. Tilqa in parte r-raba' talba u u tiddikjara li kemm l-attur u kemm il-konvenuta iddekadew mid-drittijiet taghhom ghar-ragunijiet fuq indikati u ghalhekk ghandu jigi applikat fil-konfront tal-istess partijiet d-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 48 (1) (a) (b) u (d) tal-Kap 16.**
5. Tilqa il-hames talba u tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet f'din il-kawza ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi b'effett mid-data ta' din id-decizjoni.

Illi in *oltre*, il-Qorti qeghda tiddikjara li l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet tigi likwidata u diviza bis-segwenti mod:-

(i) Illi dwar il-kontijiet bankarji mizmuma mal-Bank of Valletta plc dawn ghandhom jinqasmu bis-segwenti mod u cjoe' dawk li jinsabu intestati fuq isem il-mara ghan-nom ta' l-ulied minuri u cioe' l-kont bin-numru 16301076028 (f'isem Margaret Micallef A/C Matthew) u il-kont bin-numru 16301076031 (f'isem Margaret Micallef A/C Sarah) ghandhom jibqghu hekk mizmumin b'tali mod ili dawn il-flejjes ma jistghux jingibdu jekk mhux fl-interess tal-minuri u dan f'kaz ta' bzonn biss u wara d-debita awtorzzazzjoni mill-Qorti kompetenti.

(ii) Illi l-erba' kontijiet mizmuma mal-Bank of Valletta plc fergha tan-Naxxar u cjoe' l-kontijiet bin-numri 16304997010, 16304997049, 16304997036 u 16304997023 ghandhom jigu assenjati lill-attur.

(iii) Illi l-vettura tat-tip Skoda Felicia Combi Reg. No. HAN 848 ghandha tigi assenjata lill-attur (gja fil-pussess tieghu) filwaqt li l-vettura tat-tip Skoda 120L Reg. No. IAF 287 ghandha tigi assenjata lill-konvenuta (gja fil-pussess taghha).

(iv) Illi fir-rigward ta' dak li kienet d-dar matrimonjali, San Frangisk, Triq l-Oratorju Naxxar din ghandha tigi assenjata fl-intier taghha lill konvenuta b'dan illi l-istess konvenuta ghandha tibqa thallas d-debitu u s-self kollu li hemm pendenti mal-Bank of Valletta plc, gravanti l-istess fond. L-ebda ammont ma huwa dovut mill-konvenuta lill-attur fuq l-istess dar u dan ghas-segwenti ragunijiet:-

(a) Illi fl-ewwel lok jidher u jirrizulta li l-attur ha il-flus li kien gewwa d-dar matrimonjali u cjoe' l-ammont ta' elfejn u wiehed u disggin lira Maltija (Lm2,091) (Dok. "MM8" a fol. 509 tal-process) meta huwa gie ordnat sabiex jivvaka mill-fond matrimonjali *pendente lite*; dan l-ammont jibqa' ghalhekk tal-istess attur.

(b) Illi fit-tieni lok jirrizulta li l-konvenuta ghandha kreditu kontra l-komunjoni ta' l-akkwisti fl-amonnt ta' disa' u ghoxrin elf lira Maltija (Lm29,000) u dan *stante* li meta hija bieghet id-dar parafernali taghha, hija investiet ir-rikavat mill-istess bejgh kollu fid-dar matrimonjali tal-kontendenti, u ghalhekk s-sehem tal-attur mill-istess fond qed jigi trasferit lill-konvenuta in sodisfazzjon u *per saldo* ghal tali kreditu tal-konvenuta kontra l-komunjoni tal-akkwisti.

(c) Illi flimkien mal-assenjazzjoni tad-dar matrimonjali, lill-konvenuta qed jigi assenjat lilha s-self kollu gravanti l-istess imsemmija dar matrimonjali liema self huwa indikat fil-*Loan Account Statement* esebiet a fol. 503 mas-socjeta' Bank of Valletta plc, Numru tal-Kont 36304997016.

(v) Illi finalment ghar-rigward ta' l-affarijiet li jinstabu fid-dar matrimonjali, din il-Qorti tordna l-assenjazzjoni tal-istess ukoll *arbitro boni viri* b'dan li l-istess mobbli ghandhom jigu assenjati lill-konvenuta, (b'dan li kull dejn fuq l-istess mobbli inkluzi d-dejn ezistenti fuq l-*air conditioners* ghandhom jibqghu a karigu tal-konvenuta), bl-eccezzjoni ta' kwantita' ta' oggetti li diga` ha l-attur *pendente lite* u li gew indikati fin-nota tal-konvenuta, u li baqghu fil-pussess tal-attur, li ghandhom jigu assenjati lill-istess attur, anke ghaliex l-istess attur ghazel li jibqa' jzomm l-istess oggetti minkejja d-digrieti ta' din il-Qorti sabiex jirritorna l-istess.

6. Tilqa' s-sitt talba u tinnomina lin-Nutar Mario Bugeja sabiex jircievi l-att opportun tal-assenjazzjoni tal-immobbli fuq indikata lill-konvenuta u lil Dr. Vincent Galea bhala kuratur deputat ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

7. Tilqa' din it-talba fis-sens kif provdut fit-talba dwar il-likwidazzjoni u d-divizjon tal-komunjoni tal-akkwisti *stante* li l-kreditu u pretensjoni parafernali tal-konvenuta giet ikkumpensata bl-assenjazzjoni lilha tal-immobbli fuq deskritta kif spjegat hawn fuq.
8. Tilqa' t-tmien talba attrici u tawtorizza r-registrazzjoni mitluba.

Illi ghal dik li hija l-kontro-talba tal-konvenuta l-ispejjez jithallsu mill-konvenuta *stante* li l-istess kontro-talba hija kwazi doppjagg tal-azzjoni attrici, hlief ghat-tielet talba li ghandha tithallas mill-attur.

Illi *inoltre* minhabba li l-partijiet abbuzaw mill-proceduri quddiem din il-Qorti u dan huwa rifless min-numru kbir ta' rikorsi pprezentati *pendente lite* minn kull parti, u wkoll mill-mod li gew esebiti diversi dokumenti bla bzonn, u wkoll minhabba l-fatt li kull parti injorat id-digrieti *pendente lite* tal-istess Qorti u wkoll peress li kawza tal-istess din il-Qorti thoss li z-zewg partijiet tawwlu l-proceduri bla bzonn anke minhabba l-pika esegaerata taghhom, din il-Qorti b'applikazzjoni tal-**paragrafu 10 tal-Iskeda "A" tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** tordna lill-attur ihallas is-somma ta' sitt mitt lira Maltija (Lm600) bhala spejjez adizzjonali fir-Registru tal-Qorti, u minn naha l-ohra lill-konvenuta thallas is-somma ta' sitt mitt lira Maltija (Lm600) ukoll bhala spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti, liema hlasijet ghandhom isiru fi zmien tletin (30) gurnata mid-data ta' din is-sentenza.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------